**IP/07/1040**

Brussell, l-10 ta' Lulju 2007

# Il-Kummissjoni tifraħ bl-approvazzjoni ta' l-adozzjoni ta' l-euro f'Ċipru u Malta

***Il-Kummisjsoni Ewropea tilqa' bil-ferħ id-deċiżjoni finali u formali tal-Kunsill Ecofin ta' llum, li permezz tagħha Ċipru u Malta se jitħallew jadottaw l-euro mill-1 ta' Jannar 2008. Fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill ukoll stabbilixxa r-rata ta' 0.585274 għall-konverżjoni tal-lira Ċiprijotta fl-euro. Ir-rata ekwivalenti għal-Lira Maltija hija 0.429300 għal euro wieħed. Fil-5½ xhur li ġejjin, iż-żewġ pajjiżi se jkollhom itemmu u jiffinalizzaw it-tħejjijiet prattiċi kruċjali tagħhom biex jiżguraw li l-bidla għall-euro ssir bla skossi, kif sar fis-Slovenja din is-sena.***

"*Jien kuntent li Ċipru u Malta sejrin jadottaw l-euro, biex b'hekk iġibu l-għadd ta' pajjiżi li adottaw il-munita għal 15, u għal kważi 320 miljun l-għadd ta' persuni li għandhom munita waħda, munita li msejħa tkun, xi darba, il-munita waħdanija ta' l-Unjoni Ewropea*", qal Joaquin Almunia, il-Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji. *"Bis-saħħa ta' l-unjoni ekonomika u monetarja, iż-żona ta' l-euro issa gawdiet minn perjodu li qatt qabel ma rajna bħalu ta' stabbiltà ta' prezzijiet u rati baxxi ta' l-imgħax. Iżda li tkun imsieħeb f'unjoni monetarja jfisser ukoll responsabbiltà addizzjonali fir-rigward ta' l-Istati Membri l-oħra: responsabbiltà li żżomm finanzi pubbliċi sodi u li tikkoordina l-politiki ekonomiċi biex jinkiseb aktar tkabbir ekonomiku u jkun hemm impjiegi aħjar għal kulħadd."*

Il-ministri tal-finanzi ta' l-Unjoni Ewropea llum qablu fuq it-testi meħtieġa biex Ċipru u Malta jadottaw l-euro mill-1 ta' Jannar 2008. Abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni, ddeċidew ukoll li l-euro għandu jieħu post il-Lira Ċiprijotta bir-rata ta' 0.585274 l-euro, u post dik Maltija bir-rata ta' 0.429300 l-euro.

## Il-ħtieġa li nsegwu politiki orjentati lejn l-istabbiltà

Ir-rati ta' l-inflazzjoni u l-imgħax qatt ma kienu daqstant baxxi, f'tant pajjiżi ta' l-UE u għal daqshekk tul ta' żmien, daqs ma ilhom mill-introduzzjoni ta' l-euro fl-1999. L-inflazzjoni medja taż-żona ta' l-euro baqgħet ankrata sew madwar 2% minn nofs id-Disgħinijiet, u r-rati tas-self ipotekarju kkonverġew minn livelli ta' żewġ ċifri f'xi pajjiżi fil-bidu tad-Disgħinijiet għal madwar 5%.

Ċipru u Malta sejrin igawdu dawn l-istess benefiċċji, sakemm ikomplu jsegwu finanzi pubbliċi sodi, politiki makroekonomiċi stabbli u politiki strutturali. Dan jgħodd l-ewwelnett għal riformi finanzjarji, tal-pagi, kif ukoll aktar riformi fl-oqsma tal-pensjonijiet u l-kura tas-saħħa sabiex tittejjeb is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi tagħhom, kif ukoll riformi strutturali biex jittejjeb il-funzjonament tas-swieq tal-prodotti u tax-xogħol.

## Tħejjijiet prattiċi finali

Ċipru u Malta tajjeb li jiddedikaw attenzjoni kbira lit-tħejjijiet prattiċi li jeħtieġ isiru fil-5½ xhur li ġejjin, sabiex jiżguraw li l-bidla ssir bla skossi.

Wara sejħiet pubbliċi għall-offerti, il-produzzjoni tal-muniti se tibda ftit wara d-deċiżjoni ta' llum ta' l-ECOFIN; għall-muniti Ċiprijotti fiz-Zekka tal-Finlandja, u għal dawk Maltin fiz-Zekka Franċiża. Il-muniti ta' l-euro għandhom wiċċ komuni u ieħor nazzjonali. Biex tara l-muniti ta' Ċipru u ta' Malta, ara: http://www.centralbank.gov.cy/nqcontent.cfm?a_id=4704

http://www.centralbankmalta.com/site/coindesignlink.htm

Il-ġimgħa d-dieħa l-Kummissjoni mistennija taġġorna l-istat tat-tħejjijiet prattiċi għall-euro f'dawk il-pajjiżi ta' l-UE li għadhom ma adottawx il-munita, u li ma għandhomx "opt-out" (għażla li ma jdaħħlux il-munita) fil-liġi. Fid-dawl ta' kemm hija viċina d-data tal-bidla għal Ċipru u Malta, il-Ħames Rapport dwar l-istat tat-tħejjijiet prattiċi għat-tkabbir taż-żona ta' l-euro sejjer jiffoka fuq dawn iż-żewġ pajjiżi.

Fis-16 ta' Mejju 2007, il-Kummissjoni kienet waslet għall-konklużjoni li Ċipru u Malta kienu ssodisfaw il-kriterji tal-konverġenza għall-introduzzjoni ta' l-euro.

Għar-Rapport tal-Konverġenza, ara l-istqarrijiet għall-istampa IP/07/674 (dwar Ċipru) u IP/07/673 (Malta), kif ukoll it-testi sħaħ fis-sit:

http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/convergencereports_en.htm

Għall-pjanijiet nazzjonali tal-bidla u għal aktar tagħrif dwar it-tħejjijiet nazzjonali għall-bidla, ara:

Ċipru: http://www.euro.cy/euro/euro.nsf/dmlindex_en/dmlindex_en?opendocument

Malta: http://mfin.gov.mt/page.aspx?site=NECC&page=default